MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Numru. 331/2002

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN J GATT
VS
JOSEPH AQUILINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Aquilina, ta’ 26 sena, bin Paul u Helen nee’ Grech, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Lulju 1975, u residenti Appartamenti Yacht Marina, Block 7, Flat 2, Telghet Gwardamangia, Pieta’, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 320075(M), u akkuzat talli fit-18 ta’ Settembru 2001, gewwa l-Pieta’, ghal habta tal-11.00am, kif ukoll fl-4 t’Ottubru 2001, ghal habta tad-8.45pm, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zmenijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

(a) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg tal-konjugi Paul u Helen Aquilina, mobbli

jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt Lira Maltin (Lm500), izda izjed minn hamsin Lira Maltin (Lm50);
(b) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 5 ta' Marzu 1997, u mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Awla 11, moghtija nhar id-29 ta' Lulju 1997, Awla 7 moghtija nhar it-2 ta' Marzu 1998, Awla 12 moghtija fil-21 t'April 1998, Awla 11 moghtija nhar it-3 ta' Gunju 1998, Awla 11 moghtija nhar is-27 t'Ottubru 1998 u mill-Magistrat Dr C.Scerri Herrera LL.D., moghtija nhar is-17 t'Ottubru 2000.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 3) u tal-imputat (a fol 7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-kwerelanti Paul u Helen Aquilina, li jigu omm u missier l-imputat, ghazlu li ma jixhdux kontra t-tifel taghhom f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuzi u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------